C/2023/1615

21.12.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11400 — NEOM / DSV / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1615)

1. Fl-14 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— NEOM Company ("NEOM", ir-Renju tal-Arabja Sawdija), ikkontrollata minn Public Investment Found ("PIF", ir-Renju tal-Arabja Sawdija),

— DSV Solutions Holding A/S ("DSV Solutions", id-Danimarka), ikkontrollata minn DSV A/S ("DSV" id-Danimarka).

NEOM u DSV jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' impriża bi sħab (joint venture, "JV") ffurmata ġdida.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma fil-JV.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— NEOM hija attiva fl-iżvilupp taż-Żona NEOM, li hija żona urbana ġdida ppjanata mir-Renju tal-Arabja Sawdija. Il-kumpanija prinċipali ta' NEOM, PIF, hija l-fond ta' investiment sovran tar-Renju tal-Arabja Sawdija, u hija attiva f'investimenti ta' assi biex tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku tar-Renju tal-Arabja Sawdija u biex tiddiversifika s-sorsi ta' introjtu tiegħu, fl-interess tal-ġenerazzjonijiet futuri,

— DSV Solutions hija attiva bħala fornitur ta' servizzi loġistiċi kuntrattwali, toffri servizzi ta' magazzinaġġ u loġistika globalment u tikkontrolla aktar minn 500 faċilità loġistika. Il-kumpanija prinċipali tagħha, DSV, hija kumpanija ta' spedizzjoni u loġistika attiva f'servizzi ta' spedizzjoni ta' merkanzija bit-triq/fuq l-art, bl-ajru u bil-baħar kif ukoll servizzi ta' loġistika b'kuntratt.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV huma li ġejjin: loġistika u ġestjoni tal-katina tal-provvista għall-kostruzzjoni taż-Żona NEOM u fornitur tas-servizz loġistiku lil terzi persuni fiż-Żona NEOM.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11400 — NEOM / DSV / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË